



2023/2735

6.12.2023

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2735**

**tat-28 ta' Settembru 2023**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/256 fir-rigward tas-suġġett *ad hoc* tal-ġbir tad-*data* għad-dominju tal-forza tax-xogħol fl-2026**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali għall-ġbir tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 mill-2021 sal-2028.
- (2) Biex ikun żgurat li l-ippjanar kontinwu pluriennali jkun effettiv u konsistenti mal-ħtiġijiet tal-utenti, dan jeħtieġ jiġi adattat billi jiġi speċifikat is-suġġett *ad hoc* li jrid jiġi kopert fl-2026 mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-Unjoni Ewropea, għax dan ma kienx magħruf waqt l-adozzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/256.
- (3) L-adattamenti tal-ippjanar kontinwu pluriennali jridu jidħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard minn 24 xahar qabel jibda kull perjodu tal-ġbir tad-*data*, kif speċifikat fl-ippjanar tal-ġbir tad-*data* annwali jew infrannwali.
- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/256 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/256 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali (ĠU L 54, 26.2.2020, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

Fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/256, il-Parti B hija sostitwita b'dan li ġej:

**"Parti B:** Perjodu tal-ġbir tad-data għad-dominji li għandhom bosta perjodiċitajiet

Dominji	Gruppi (akronimi)	Snin tal-ġbir tad-data							
		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028
Forza tax-Xogħol	Trimestrali (LFQ)	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart
	Annwali (LFY)	X	X	X	X	X	X	X	X
	'Raġunijiet għall-migrazzjoni' u 'arranġamenti tal-ħin tax-xogħol' (LF2YA)	X		X		X		X	
	'Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali (12-il xahar)', 'Diżabbiltà u elementi oħra tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa' u 'Elementi tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa' (LF2YB)		X		X		X		X
	Sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u tad-dixxendenti immedjati tagħhom (LF8YA)	X							
	Pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (LF8YB)			X					
	'Żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol' u 'Livell edukattiv milħuq — dettalji, inkluż l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata' (LF8YC)				X				
	Rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja (LF8YD)					X			
	Organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol (LF8YE)							X	
	Inċidenti fuq il-lant tax-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol (LF8YF)								X
	Suġġett <i>ad hoc</i> dwar il-ħiliet tal-impjiegi		X						
Suġġett <i>ad hoc</i> dwar l-impjiegi tal-pjattaformi diġitali						X			

Dominji	Gruppi (akronimi)	Snin tal-ġbir tad-data							
		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028
Introjtu u Kundizzjonijiet tal-Għajxien	Annwali (ILCY)	X	X	X	X	X	X	X	X
	Tfal (ILC3YA)	X			X			X	
	Saħħa (ILC3YB)		X			X			X
	Suq tax-Xogħol u Akkomodazzjoni (ILC3YC)			X			X		
	Kwalità tal-ħajja (ILC6YA)		X						X
	Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi u diffikultajiet tal-akkomodazzjoni (ILC6YB)			X					
	Aċċess għas-servizzi (ILC6YC)				X				
	Dejn eċċessiv, konsum u ġid (ILC6YD)						X		
	Suġġett <i>ad hoc</i> dwar Arranġamenti u kundizzjonijiet tal-ġhajxien tat-tfal ffamilji separati jew imħalltin	X							
	Suġġett <i>ad hoc</i> dwar l-Effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi			X					
	Suġġett <i>ad hoc</i> dwar l-Enerġija u l-Ambjent					X			
Suġġett <i>ad hoc</i> (irid jiġi definit aktar tard)							X"		